32002O0010

3.3.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 58/1

# LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-5 ta' Diċembru 2002

## dwar il-qafas legali tal-kontijiet u tar-rapportaġġ finanzjarju fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali

## *(BĊE/2002/10)*

(2003/131/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra the l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikularment l-Artiklu 12.1, l-Artiklu 14.3 u l-Artiklu 26.4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) permezz tat-tieni u t-tielet inċiżi ta' l-Artiklu 47.2 tal-Istatut,

Billi:

(1) Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) hija suġġetta li tirraporta l-impenji permezz ta' l-Artiklu 15 tal-Istatut.

(2) Skond l-Artiklu 26.3 tal-Istatut, Il-Board Eżekuttiv tal-BĊE għandu jħejji *balance-sheet* konsolidata tal-SEBĊ għall-iskopijiet analitiċi u operazzjonali.

(3) Skond l-Artiklu 26.4 tal-Istatut, Il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE għandu jistabbilixxi r-regoli meħtieġa għall-istandardizzazzjoni tal-kontijiet u r-rapportar finanzjarju ta' l-operazzjonijiet involuti mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) tal-Istati Membri parteċipanti dwar l-applikazzjoni ta' l-Artiklu 26 tal-Istatut.

(4) Permezz tar-regoli transitorji tal-Linja gwida BĊE/2000/18 ta' l-1 ta' Diċembru 1998 dwar il-qafas legali għall-kontijiet u r-rapportaġġ fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali kif emendata fil-15 ta' Diċembru 1999 u fl-14 ta' Diċembru 2000 ([1]) l-assi u r-responsabbiltajiet kollha ma l-għeluq tan-negozju fil-31 ta' Diċembru 1998 għandhom ikunu evalwati mill-ġdid fl-1 ta' Jannar 1999. Qligħ mhux rejalizzat, li jkun oriġina nhar il-, jew qabel l-1 ta' Jannar 1999, għandhom ikunu separati mill-valutazzjoni ta' dak il-qligħ mhux rejalizzat li setgħa oriġina wara l-1 ta' Jannar 1999 u kellu jibqa mal-BĊN. Il-prezzijiet tas-suq u r-rati applikati mill-BĊE u mill-BĊN fil-*balance sheet* tal-ftugħ fl-1 ta' Jannar 1999 kienu l-ispiża medja l-ġdida fil-bidu tal-perjodu transitorju. Huwa rakkommandat li l-qligħ mhux rejalizzat li joriġina qabel jew nhar il-, l-1 ta' Jannar 1999 m'għandux ikun meqjus bħala distribwibbli fil-waqt tat-transizzjoni u li dawn għandhom biss ikunu ittrattati bħala rejalizzabbli/distribwibbli fil-kuntest tat-transazzjonijiet li jseħu wara l-bidu tal-perjodu transitorju. Il-qligħ u t-telf mill-iskambju esteru u mid-deheb u l-qligħ u t-telf tal-prezzijiet, minħabba t-trasferiment ta' l-assi mill-BĊN lejn il-BĊE, kellhom ikunu meqjusa bħala rejalizzabbli.

(5) F'dak li jirrigwardja l-iżvelar relatat mal-karti bankarji euro li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni, remunerazzjoni tat-talbiet/responsabbiltajiet netti intra-Ewrosistema li jirriżultaw mill-allokazzjoni tal-karti bankarji euro fi ħdan il-Eurosistema, u d-dħul monetarju, dan għandu jkun armonizzat fil-*balance-sheets* annwali ppublikati, il-kontijiet tal-qligħ u t-telf u n-noti għall-kontijiet annwali tal-BĊN. Il-punti li għandhom ikunu armonizzati huma indikati bi stilla fl-Annessi IV, VIII u IX.

(6) Għandhu tingħata konsiderazzjoni partikulari għax-xogħol preparatorju imwettaq mill-Istitut Monetarju Ewropew (IME).

(7) Il-kontenut tal-Linja gwida BĊE/2000/18 għandu issa jkun sinifikament emendat. Huwa xieraq għal raġunijiet ta' ċarezza li dan ikun miktub mill-ġdid f'test singolu wieħed.

(8) Il-BĊE jagħti mportanza kbira għat-tisħieħ tat-trasparenza tal-qafas regolarorju tal-SEBĊ anki fl-assenza ta' l-obbligu li jsir dan permezz tat-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej. Il-BĊE kien iddeċieda, b'konformità ma dan ir-resqien, li jippubblika din il-Linja gwida.

([1]) ĠU L 33, tat-2.2.2001, p. 21.

(9) B'konformità ma' l-Artiklu 12.1 u ma l-Artiklu 14.3 ta' l-Istatut, il-linji gwida tal-BĊE jifformaw parti integrali tal-liġi tal-Komunità,

ADDOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Il-KAPITLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

*L-Artikolu 1*

### Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' din il-Linja gwida:

– "*banknote allocation key*": għandha tfisser il-persentaġġi li jirriżultaw meta jkun meqjus is-sehem tal-BĊE fil-ħruġ totali tal-karta bankarja tal-euro u fl-applikazzjoni tal-*subscribed capital key* tas-sehem tal-BĊN f'tali total, permezz tad-deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħruġ tal-karti bankarji tal-euro ([1]),

– "konsolidazzjoni": għandha tfiser il-proċess tal-kontijiet li permezz tiegħu il-figuri finanzjarji tad-diversi entitajiet legali separati huma aggruppati bħalli kieku dawn kienu entità waħda,

– "proposti tal-kontijiet SEBĊ u r-raportaġġ finanzjarju": għandha tfiser l-iskopijiet li dwarhom il-BĊE jipproduċu l-istqarrijiet finanzjarji elekati fl-Anness I b'konformirà ma l-Artikli 15 u 26 tal-Istatur,

– "banek ċentrali nazzjonali" (KBC): (BĊN): għandha tfisser il-BĊN tal-Istati Membri parteċipanti,

– "l-Istati Membri parteċipanti": għandha tfisser l-Istati Membri li jkunu addottat il-euro b'konformità mat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

– "l-Istati Membri mhux parteċipanti": għandha tfisser l-Istati Membri li ma jkunux addottaw il-euro b'konformità mat-Trattat,

– "l-Eurosistema": għandha tfisser il-BĊN u il-BĊE,

– "perjodu transitorju": għandha tfisser il-perijodu li jibda fl-1 ta' Jannar 1999 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2001,

– "id-data ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid f'kull kwart tas-sena": għandha tfiser id-data fl-aħħar jum kalendarji tal-kwart tas-sena.

2. Aktar definizzjonijiet tat-termini tekniċi kif użati f'din il-Linja gwida huma nklużi fil-glossarju mhemuż ma l-Anness II.

*L-Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Ir-regoli stabbiliti f'din il-Linja gwida għandhom ikunu applikabbli għal-BĊE u għall-BĊN dwar is-sistema tal-kontijiet SEBĊ u għall-iskopijiet tar-rapportaġġ finanzjarju.

2. L-iskop ta' l-applikazzjoni ta' din il-Linja gwida huwa limitat għall-impenn amministrattiv tal-kontijiet u tar-rapportaġġ finanzjarju tas-SEBĊ kif meħtieġ mill-Istatut u, għalhekk, dan ma jistabilixxix regoli obligatorji dwar ir-rapporti nazzonali tal-BĊN u dwar il-kontijiet finanzjarji. Sabiex tkun akkwista konsitenza u komparabiltà bejn is-SEBĊ u l-impenji amministrattivi, huwa rakkommandat li l-BĊN għandhom, sal-limitu possibbli, li jsegwu r-regoli stabbiliti f'din il-Linja gwida dwar ir-rapporti nazzjonali u l-kontijiet finanzjarji tagħhom.

*L-Artikolu 3*

### Suppożizzjonijiet bażiċi tal-kontijiet

Is-suppożizzjonijiet bażiċi tal-kontijiet li ġejjin għandhom ikunu applikabbli:

(a) ir-rejaltà u t-trasperanza ekonomika: il-metodi tal-kontijiet u r-rapportaġġ finanzjarju għandhom jirreflettu r-rejaltà ekonomika, għandhom ikunu trasparenti u għandhom jirrispettaw il-karatteristiċi kwalitattivi tal-konoxxenza, r-relevanza, l-affidibbiltà u l-komparabbiltà. It-tranżazzjonijiet għandhom ikunu kollha irreġistrati u ppreżentati skond is-sustanza tagħhom u r-rejaltà ekonomika u mhux sempliċement skond il-għamla legali tagħom;

(b) prudenza: il-valutazzjoni ta' l-assi u r-responsabbiltajiet u r-rikonoxximent tal-introjtu għandhom jitwettqu bi prudenza. Fil-kuntest ta' din il-Linja gwida, dan jimplika li qiegħ mhux rejalizzat ma jkunx rikonoxxur bħala introjtu fil-kont ta' qligħ u telf, imma jkun trasferit direttament lejn kont tal-valutazzjoni mill-ġdid. B'dana kollu, il-prudenza ma tippermettix il-ħolqien ta' riżervi moħbija jew ta' stqarrijiet qarrieqa b'mod deliberat fil-punti tal-*balance-sheet* jew fil-kont ta' qligħ u telf;

(ċ) avveniment ta' wara il-*balance-sheet*: l-assi u r-responsabbiltajiet għandhom ikunu aġġustati għall-avveniment li jseħħu bejn id-data tal-*balance-sheet* annwali u d-data li fiha r-rendi-

([1]) ĠU L 337, ta' l-20.12.2001, p. 52.

konti finanzjarji jkunu approvati mill-korpi relevanti, jekk dawn ikunu jaffettwaw il-kondizzjoni ta' l-assi u r-responsabbiltajiet fid-data tal-*balance-sheet*. L-ebda aġġustament m'għandu jsir dwar l-assi u r-responsabbiltajiet, imma l-iżvelar għandu jsir dwar dawk l-avvenimenti li jseħħu wara d-data tal-*balance-sheet* li ma jkunux jaffettwaw il-kondizzjoni ta' l-assi u r-responsabbiltajiet fid-data tal-*balance-sheet*, imma li huma ta' tali importanza li n-nuqqas ta' żvelar ikunu jaffettwaw l-abiltà ta' l-utenti tar-rendikonti finanzjarji li jwettqu evalwazzjoni u deċiżjonijiet xierqa;

(d) materjalità: devjazzjonijiet mir-regoli tal-kontijiet, inklużi dawk li jaffettwaw il-kalkolazzjoni tal-kontijiet ta' qligħ u telf tal-BĊN u tal-BĊE individwali, m'għandhomx ikunu mħollija sakemm dawn ikunu raġonevolment meqjusa bħala immaterjali fil-kuntest globali u fil-preżentazzjoni tal-kontijiet finanzjarji tal-istutuzzjoni tar-rapportaġġ;

(e) il-bażi ta' l-attività kurrenti: il-kontijiet għandhom ikunu ippreparati fuq il-bażi ta' l-attività kurrenti;

(f) il-prinċipju tat-tkattir (*accruals*): l-introjtu u l-ispejjes għandhom ikunu rikonoxxuti fil-perjodu tal-kontijiet li fih ikunu mwettqa jew minfuqa u mhux skond il-perjodu li fih ikunu akkwistati jew imħallsa;

(g) konsistenza u komparabiltà: il-kriterja għall-valutazzjoni tal-*balance-sheet* u r-rikonoxximent ta' l-introjtu għandha tkun applikata b'mod konsistenti f'dawk li huma termini tal-komunalità u l-kontinwità tar-resqien li ħdan il-SEBĊ sabiex jassiguraw komparabiltà tad-*data* fir-rendikonti finanzjarji.

*L-Artikolu 4*

**Rikonoxximent ta' l-assi u r-responsabbiltajiet**

Assi/responsabbiltajiet finanzjarji jew mod ieħor għandhom ikunu rikonoxxuti biss fil-*balance sheet* meta l-entità tar-rapportaġġ:

(a) ikun probabbli li xi benefiċċju ekonomiku futuri assoċċjat ma l-assi jew ir-responsabbiltà ikunu jirriżulta minn, jew lejn, l-entità tar-rapportaġġ;

(b) sostanzjalment ir-riskji u l-akkwisti kollha asoċċjati ma l-assi u r-responsabbiltà jkunu ġew trasferiti lejn l-entità tar-rapportaġġ; u

(ċ) l-ispiża jew il-valur ta' l-asi ta' l-entità tar-rapportaġġ jew l-ammont ta' l-obligu jista jkun imkejjel b'affibiltà.

*L-Artikolu 5*

**Ir-resqien tal-kontanti/twettieq u ekonomiku**

1. Ir-resqien tal-kontanti (jew twettieq) għandu jkun użat bħala l-bażi għar-reġistrar tad-data fis-sistemi tal-kontijiet ta' l-Eurosistema sal-21 ta' Diċembru 2006.

2. Mill-1 ta' Jannar 2007, ir-resqien ekonomiku kif definit fl-Anness III għandu jkun użat bħala l-bażi tar-reġistrazzjoni tad-*data* tat-transazzjonijiet tal-iskambju esteru u ta' l-*accruals* li jkunu denominati f'muniti esteri skond is-sistemi ta' l-Eurosistema. Tranżazzjonijiet tal-kambjali jistgħu jibqgħu li jkunu rreġistrati skond ir-resqien tal-kontanti (jew twettieq).

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-BĊN jistgħu jużaw ir-resqien ekonomiku qabel l-1 ta' Jannar 2007.

4. Il-figuri ippreżentati bħala parti mir-rapportaġġ finanzjarju odjerni għall-iskopijiet tar-rapportaġġ finanzjarju ta' l-Eurosistema għandhom juru il-movimenti tal-kontanti fil-*balance-sheet* apparti milli dawk żvelati permezz ta' "Assi oħrajn" u "Responsabbiltajiet oħrajn", apparti milli fl-aġġustamenti tat-tmiem ta' kull tlett xhur u tat-tmien tas-sena.

Il-KAPITOLU II

**IR-REGOLI TAL-KOMPOŻIZZJONI U L-VALUTAZZJONI GĦALL-*BALANCE-SHEET***

*L-Artikolu 6*

**Il-kompożizzjoni tal-*balance-sheet***

Il-kompożizzjoni tal-*balance-sheet* tal-BĊE/BĊN għall-iskopijiet tar-rapportaġġ finanzjarju SEBĊ għandha tkun ibbażata fuq l-istruttra stabbilita fl-Anness IV.

*L-Artikolu 7*

**Regoli tal-valutazzjoni tal-*balance-sheet***

1. Ir-rati u l-prezzijiet preżenti tas-suq għandhom ikunu wżati għall-iskopijiet tal-valutazzjoni tal-*balance-sheet* sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness IV.

2. Il-valutazzjoni mill-ġdid tad-deheb, l-istrumenti tal-munita estera, il-kambjali u l-istrumenti finanzjarji (kemm li jidhru fil-*balance-sheet* u wkoll dawk li ma jidhrux fil-*balance-sheet*) għandhom ikunu mwettqa fid-data tal-valutazzjoni mill-ġdid ta' kull kwart tas-sena bir-rati u l-prezzijiet medji tas-suq. Dawn m'għandhomx iżommu lill-BĊE/BĊN milli jwettqu evalwazzjoni mill-ġdid tal-portfolios tagħhom fuq bażi aktar ta' spiss għal skopijiet interni, basta li l-unika *data* fil-valur tat-transazzjoni tkun iraporta matul dak il-kwart tas-sena.

3. L-ebda distinzjoni m'għandha ssir bejn id-differenzi tal-prezz u l-evalwazzjoni mill-ġdid dwar id-deheb, imma differenza singola ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid tad-deheb għandha

tkun irraporta, ibbażata fuq il-prezz tal-euro għal kull unità definita tad-deheb kif tirriżulta mir-rata tal-kambju EUR/USD fid-data ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid ta' kull kwart tas-sena. L-evalwazzjoni mill-ġdid għandha sseħħ fuq il-bażi ta' munita-b'munita għall-kambju esteru (inklużi t-transazzjonijiet li jidhru fil-*balance-sheet* u dawk li ma jidhrux fil-*balance-sheet*) u fuq il-bażi tal-kodiċi-bil-kodiċi (l-istess numru/tip ISIN) dwar il-kambjali, apparti minn dawk il-kambjali inklużi fil-punt "Assi finanzjarji oħrajn", li għandhom ikunu ittrattati bħala finanzjarji.

4. Ir-reġistrazzjonijiet ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid għandhom ikunu mreġġa lura fit-tmiem tal-kwart tas-sena li jkun imiss, apparti milli għal telf mhux rejalizzat li jkun meħud mill-kont ta' qligħ u telf fit-tmiem tas-sena; matul dawk il-kwart tas-sena li fih xi transazzjonijiet għandhom ikunu irraportati bil-prezzijiet u r-rati tat-transazzjoni.

*L-Artikolu 8*

**Ftehim tax-xiri**

1. Transazzjoni mreġġa lura mwettqa permezz ta' ftehim tax-xiri għandha tkun irreġistrata bħala depożiti kolletteralizzat il-ġewwa fuq in-naħa tar-responsabbiltajiet tal-*balance-sheet*, waqt li l-punt li jkunu jkun ġie muri bħala kollateral jibqa' fin-naħa ta' l-assi tal-*balance-sheet*. Il-kambjali mibjugħa li għandhom ikunu mixtrija mill-ġdid permezz tal-ftehim tax-xiri mill-ġdid għandhom ikunu ittrattati mill-BĊE/BĊN meħtieġa li jixtruhom mill-ġdid bħala li l-assi f'dak il-każ kienu għadhom parti mill-*portfolio* li minnu kienu ġew mibjugħa.

2. Transazzjoni mreġġa lura mwettqa bħala ftehim ta' xiri mill-ġdid imreġġa lura għandha tkun ireġistrata bħala self kollatteralizzat il-barra fuq in-naħa ta' l-assi tal-*balance-sheet* għall-ammont tas-self. Il-kambjali akkwistati permezz tal-ftehim għal xiri mill-ġdid imreġġa lura m'għandhomx ikunu evalwati mill-ġdid u l-ebda qligħ jew telf li jiriżulta minnhom m'għandu jkun meqjus fil-kont ta' qligħ u telf mill-parti li tislef dawk il-fondi.

3. Transazzjonijiet b'lura li jinvolvu kambjali denominati f'muniti esteri m'għandhomx ikollhom effett fuq l-ispiża medja tal-pożizzjoni kurrenti.

4. Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' self ta' kambjali, il-kambjali għandhom jibqgħu fuq il-*balance-sheet* ta' dak li jagħmel it-trasferiment. Tali transazzjonijiet għandhom ikunu ireġistrati bl-istess mod bħal dak stabbilit għall-operazzjonijiet tax-xiri mill-ġdid. Jekk, b'dana kollu, il-kambjali mislufa lill-BĊE, jew lil-BĊN li jaġixxi bħala t-traferitur, ma jkunux miżmuma fil-fond tiegħu fit-tmiem tas-sena, dawk li jkun irċieva t-trasferiment għandu jistabbilixxu provvediment għal telf jekk il-valur tas-suq tal-kambjali l-bażiċi ikun żdied sa mid-data tal-kuntratt tat-transazzjoni tas-self u li juri responsabbiltà (trasferiment mill-ġdid tal-kambjali) jekk dak li jkun irċieva t-trasferiment ikun sa dan it-tant biegħ il-kambjali.

5. Transazzjonijiet kollateralizzati tad-deheb għandhom ikunu ttrattati bħala ftehim ta' xiri mill-ġdid. Il-fluss tad-deheb marbut ma dawn it-transazzjonijiet kollateralizzati għandhom ikunu rreġistrati fir-rendikont finanzjarju u d-differenza bejn il-prezzijiet tal-mument u dawk tal-ġejjieni tat-transazzjoni għandhom ikunu ttrattati fuq il-bażi ta' l-*accruals*.

6. Transazzjonijiet b'lura (inklużi t-transazzjonijiet tas-self tal-kambjali) imwettqa permezz tal-programm awtomatiku tas-self tal-kambjali, għandhom ikunu irreġistrati b'effett fuq il-*balance-sheet* biss dwar tali transazzjonijiet meta l-kollaterall ikunu ipprovdut f'għamla ta' kontanti matul l-operazzjoni ntiera tal-maturità.

*L-Artikolu 9*

**Strumenti ta' titli negozjabbli**

1. Dan l-Artiklu huwa applikabbli għall-istrumenti ta' titli negozjabbli (ishma ta' titli jew fondi ta' titli), meta t-transazzjonijiet ikunu mwettqa direttament minn BĊN jew mill-BĊE jew minn aġent, bl-eċċezzjoni ta' l-attivitajiet imwettqa dwar il-fondi tal-penzjonijiet, interessi parteċipanti, investimenti f'susidjari, interessi sinifikanti jew assi finanzjarji fissi.

2. L-istrumenti tat-titlu denominati f'munita esteri m'għandhomx jiffurmaw parti mil-pożizzjoni globali preżenti imma għandhom ikunu parti minn żamma separata tal-munita. Huwa rrakkommandat li l-kalkoli marbuta mal-qligħ u t-telf mill-kambju esteru tista tkun imwettqa jew bil-metodu ta' l-ispiża tal-medja netta jew (b'mod alternattiv) bil-metodu ta' l-ispiża medja.

3. Huwa rakkommandat li l-istrumenti tat-titli jkunu ittrattati b'konformità ma dawn ir-regoli li ġejjin:

(a) l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-portfolios tat-titli tkun imwettqa skond l-Artiklu 7(2). L-evalwazzjoni mill-ġdid isseħħ fuq il-bażi ta' punt b'punt. Għal fondi ta' titli, il-prezz ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid ikun imwettaq fuq bażi netta, u mhux fuq il-bażi ta' sehem-b'sehem. Ma hemm l-ebda totalizzar bejn l-ishma tat-titli jew bejn il-fondi ta' titli different;

(b) it-transazzjonijiet huma irreġistrati fil-*balance-sheet* bil-prezz tat-transazzjoni;

(ċ) senserija ta' l-intermedju hija rreġistrata jew bħala transazzjoni ta' l-ispiża li għandha tkun inkluża fl-ispiża ta' l-assi jew bħala nefqa fil-kont ta' qligħ u telf;

(d) l-ammont tad-*dividend* mixtri huwa nkluż fl-ispiża tal-istrument tat-titli. Id-data ta' l-ex-*dividend*, waqt il-pagament tad-*dividend* ikun għadu ma wasalx, l-ammont tad-*dividend* mixtri jista jkun ittrattat bħala punt separat;

(e) *accruals* fuq id-*dividends* ma humiex irreġistrati fit-tmiem il-perjodu minħabba li dawn ikunu diġa riflettuti fil-prezz tas-suq ta' l-istrumenti tat-titli bl-eċċezzjoni tat-titli ikkwotati *ex-dividend*;

(f) ħruġ ta' drittijiet huma ttrattati bħal assi separati meta dawn ikunu maħruġa. L-ispiża ta' l-akkwist hija kkalkolata bil-bażi ta' l-ispiża medja l-antika tat-titli, fuq il-prezz taddaqa tat-titolu l-ġdid, u fuq il-proporżjon ta' bejn it-titli

l-ġodda u dawk qodma. B'mod alternattiv, il-prezz tad-dritt jista jkun ibażat fuq il-valur tad-dritt fis-suq, l-ispiża medja tat-titlu l-antik u l-prezz tas-suq tat-titlu qabel il-ħruġ tad-dritt. Dawn huma ittrattati skond ir-regoli tal-kontijiet Eurosistema.

*L-Artikolu 10*

**Karti bankarji**

Il-"karti bankarji fiċ-ċirkolazzjoni" li jidhru fil-*balance-sheet*s tal-BĊN għandhom ikunu r-riżultat ta' żewġ komponenti:

(a) l-ammont mhux aġġustat tal-karti bankarji euri li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni, li għandhom ikunu kkalkolati skond wieħed miż-żewġ metodi li ġejjin:

Metodu A: BC = BP – BD – S
Metodu B: BC = BI – BR

Meta: BC = hija l-figura fi euro ta' "karti bankarji fiċ-ċirkolazzjoni"

BP = hija l-valur tal-karti bankarju euro prodotti jew irkuprati minn għand l-istampatur minn minn għand BĊN oħrajn

BD = hija l-valur tal-karti bankarji euro li jkunu meqruda

BI = l-valur tal-karti bankarju euro imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni

BR = hija l-valur tal-karti bankarju euro akkwistati

S = hija l-valur tal-karti bankarji euro fil-ħażna jew fil-kaxxa-forti;

(b) iżjed/anqas l-ammont ta' l-aġġustamenti li jiriżulta mill-applikazzjoni ta' l-allokazzjoni kruċjali tal-karti bankarji.

Il-KAPITOLU III

**RIKONOXXIMENT TAD-DĦUL**

*L-Artikolu 11*

**Rikonoxximent tad-dħul**

1. Ir-regoli li ġejjin għandhom ikunu applikabli għar-rikoxximent tad-dħul:

(a) qligħ mhux rejalizzat u telf mhux rejalizzat għandu jittieħed lejn il-kont ta' qligħ u telf;

(b) qligħ mhux rejalizzati m'għandhom ikunu rikonoxxuti bħala dħul, imma trasferiti direttament lejn il-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid;

(ċ) telf mhux rejalizzat għandu jittieħed lejn il-kont ta' qligħ u telf meta jkun jeċċedi il-qligħ preċedenti tal-valutazzjoni mill-ġdid kif irreġistrati fil-kont korespondenti tal-valutazzjoni mill-ġdid;

(d) telf mhux rejalizzat meħud lejn il-kont ta' qligħ u telf m'għandux ikun imreġġa lura fi snin sussegwenti kontra qligħ ġodda mhux rejalizzati;

(e) m'għandu jkun hemm l-enda totalizzar ta' telf mhux rejalizzat f'xi grupp wieħed ta' kambjali, jew f'xi munita jew fil-ħażna tad-deheb, kontra qligħ mhux rejalizzat f'kambjali oħrajn jew fil-muniti jew fid-deheb.

2. *Premiums* jew skonti li jiriżultaw minn kambjali maħruġa u mixtrija għandhom ikunu kkalkolati u ppreżentati bħala parti mid-dħul ta' l-imgħax u għandhom ikunu amortizzati matul il-kumplament tal-ħajja tal-kambjali, jew inkella skond il-metodu ta' linja-dritta jew bil-metodu tar-rata nterna ta' l-akkwist (IRR). Il-metodu IRR għandu, b'dana kollu, jkun mandatorju għal kambjali skontati bil-kumplament tal-maturità ta' anqas minn sena waħda fil-waqt ta' l-akkwist.

3. *Accrual*s għall-assi u r-responsabbiltajiet finanzjarji (e.g. imgħax pagabbli u *premiums* amortizzati/skonti) għandhom ikunu kkalkolati u r-reġistrati/mdaħħla fil-kotba, mill-anqas darba kull tlett xhur. *Accrual*s għall-punti l-oħrajn għandhom ikunu kkalkolati u r-reġistrai/mdaħla fil-kotba mil-anqas fuq bażi annwali.

4. Il-BĊE/BĊN jistgħu jikkalkolaw l-*accrual*s fuq bażi dettaljata aktar ta' spiss basta li d-*data* biss tal-valur tat-transazzjoni tkun irraportata matul il-kwart tas-sena.

5. *Accrual*s denominati f'munita barranija għandhom ikunu maqluba bir-rata medja tas-suq fit-tmiem tal-perijodu ta' kull kwart tas-sena u miġjuba lura bl-istess rata.

6. Ġeneralment, dwar il-kalkolazzjoni ta' l-*accrual*s matul is-sena tal-prattika lokali jistgħu ikunu applikabbli (i.e. kalkolazzjoni jew sat-tmiem ta' l-aħħar jum tal-kummerċ jew inkella sa l-aħħar jum kalendarju tal-kwart tas-sena). B'dana kollu, l-aħħar jum kalendarju fit-tmiem tas-sena (i.e. il-31 ta' Diċembru) hija data ta' referenza mandatorja.

7. It-transazzjonijiet biss li jinvolvu bidla fid-detenzjoni ta' munita partikulari jistgħu joħolqu qligħ jew telf mhux rejalizzat fil-kambju esteru.

*L-Artikolu 12*

**L-ispiża ta' l-operazzjonijiet**

1. Ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom ikunu applikabli għall-ispiża ta' l-operazzjonijiet:

(a) il-metodu tal-medja tal-ispiża għandu jkun użat fuq bażi odjerna għad-deheb, strumenti ta' munita barranija u kambjali, sabiex tkun ikkalkolata l-ispiża ta' l-akkwist ta' l-oġġeti mibjugħa, billi jkun meqjus l-effett tar-rata tal-kambju u/jew il-prezz taċ-ċaqlieq;

(b) l-ispiża medja tal-prezz/rata ta' l-assi/responsabbiltajiet għandha tkun imnaqqsa/miżjuda bit-telf mhux rejalizzat meħud lejn il-kont ta' qligħ/telf fit-tmiem tas-sena;

(ċ) fil-każ ta' l-akkwist ta' kupuni ta' kambjali, l-ammont ta' l-introju tal-kupun mixtri għandu jkun ittrattat bħala punt separat. Fil-każ ta' kambjali denominati f'munita estera, dan għandu jkun inkluż fid-detenzjoni ta' dik il-munita, imma m'għandux ikun inkluż fl-ispiża jew fil-prezz ta' l-assi għall-iskop tad-determinazzjoni tal-prezz medju.

2. Ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom ikunu applikabbli għall-kambjali:

(a) it-transazzjonijiet għandhom ikunu irreġistrati fil-prezz tat-transazzjoni u imdaħla fil-kontijiet finanzjarji bil-prezz mingħajr tnaqqis jew żidiet;

(b) il-miżati tal-kostodju u ta' l-amministrazzjoni, il-miżatu preżenti tal-kontijiet u spejjeż indiretti oħrajn mhumiex meqjusa bħala spejjeż tat-transazzjoni u għandhom ikunu nklużi fil-kont ta' qligħ u telf. Dawn m'għandhomx ikunu ittrattati bħala parti mill-ispiża medja ta' l-assi partikulari;

(ċ) id-dħul għandu jkun irreġistrat gross biż-żamma rifondibbli u t-taxxi l-oħrajn ikkalkolati separatament;

(d) għall-iskop tal-kalkolu tal-ispiża medja tax-xiri ta' kambjali, jew

(i) ix-xiri kollu mwettaq matul il-jum għandu jkun miżjud ma l-ispiża tad-detenzjoni tal-jum preċedenti sabiex jipproduċi prezz medju ġdid peżat qabel ma jkunu applikati l-bejgħ ta' l-istess jum; jew

(ii) ix-xiri u l-bejgħ individwali tal-kambjali jista jkun applikat fl-ordni li fih iseħħu matul il-jum għall-iskop tal-kalkolazzjoni tal-prezz medju revedut.

3. Ir-regoli speċjali li ġejjin għandhom ikunu applikabbli għad-deheb u l-kambju esteru:

(a) it-transazzjonijiet f'munita estera li ma jinvolvu l-ebda bidla fid-detenzjoni ta' dik il-munita għandhom ikunu mibdula f'euro, bl-użu tar-rata tal-kambu tal-kuntratt jew tal-jum tat-twettieq, u m'għandhomx jaffettwaw l-ispiża ta' l-akkwist ta' dik id-detenzjoni;

(b) transazzjonijiet f'munita estera li jinvolvu tibdil fid-detenzjoni ta' dik il-munita għandhom ikunu mibdula f'euro bir-rata tal-kambju tal-kuntratt jew tad-data tat-twettieq;

(ċ) akkwisti u pagamenti attwali bi flus kontanti għandhom ikunu mibdula bir-rata tal-kambju tal-medja tas-suq fil-jum li fih iseħħ it-twettieq;

(d) akkwisti netti ta' flus kontanti u deheb li jsiru matul il-jum għandhom ikunu miżjuda, bil-medja tal-ispiża tax-xiri tal-jum għal kull kontanti jew deheb rispettivi, mad-detenzjoni tal-jum preċedenti, sabiex jipproduċu prezz peżat ġdid tal-medja rata/deheb. Fil-każ ta' bejgħ netti, il-kalkolu tal-qligħ jew telf rejalizzat għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża medja tal-munita rispettiva jew tad-detenzjoni tad-deheb għall-jum preċedenti hekk li l-ispiża medja tibqa mingħajr tibdil. Id-differenzi fir-rata medja/prezz tad-deheb bejn l-influss u l-efluss imwettqa matul il-jum għandhom ukoll jirriżultaw fi qligħ jew telf rejalizzat. Meta sitwazzjoni ta' responsabbiltà tkun teżisti fir-rigward ta' munita estera jew pożizzjoni tad-deheb, it-trattament b'lura għandu jkun applikabbli għar-resqien imsemmi hawn fuq. B'hekk l-ispiża medja tal-pożizzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun affetwata bil-bejgħ nett, waqt li x-xiri nett għandu jnaqqas il-pożizzjoni tal-prezz peżat eżistenti tar-rata medja/deheb;

(e) l-ispejjeż tat-transazzjonijiet tal-kambju esteru u ta' l-ispejjeż ġenerali l-oħrajn għandhom ikunu mdaħħla fil-kont ta' qligħ u telf.

Il-KAPITOLU IV

## REGOLI TAL-KONTIJIET GĦALL-ISTRUMENTI IL-BARRA MILL-*BALANCE-SHEET*

*L-Artikolu 13*

### Regoli ġenerali

1. Transazzjonijiet bil-quddiem tal-iskambju esteru, sezzjonijiet bil-quddiem tat-tpartit tal-iskambju esteru u strumenti oħrajn tal-munita li jinvolvu skambju ta' munita waħda ma oħra f'data futura għandhom ikunu nklużi fil-pożizzjonijiet netti tal-munita estera għall-kalkolazzjoni tal-qligħ jew telf fil-kambju esteru.

2. Tpartit fir-rati ta' l-imgħax, fteghim ta' rati antiċipati u strumenti oħrajn tar-rati ta' l-imgħax għandhom ikunu iġġustifikati u evalwati mill-ġdid buq il-bażi ta' punt-b'punt. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu ittrattati separatament mill-punti il-barra mill-*balance-sheet*.

3. Qligħ u telf li jirriżultaw minn strumenti il-barra mill-balance-sheet għandhom ikunu rikonoxxuti u trattati b'manjera simili għall-istrumenti li jidhru fil-balance-sheet.

*L-Artikolu 14*

### Transazzjonijiet atiċipati tal-kambju esteru

1. Xiri u bejgħ antiċipat għandu jkun rikonoxxut fil-kontijiet il-barra mill-*balance-sheet* mid-data tal-kummerċ sad-data tat-twettieq bir-rata tal-mument tat-transazzjoni antiċipata. Qligħ u telf minn transazzjonijiet ta' bejgħ għandhom ikunu ikkalkolati bl-użu tal-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-munita fid-data tal-kuntratt flimkien ma tnejn jew tlett ijiem utili bi qbil mal-proċedura tat-totalizzar odjerni dwar ix-xiri u l-bejgħ. Qligħ u telf għandu jkun meqjus bħala mhux rejalizzat sad-data tat-twettieq u għandu jkun trattat b'konformità ma l-Artiklu 11(1).

2. Id-differenza bejn it-tari tal-mument u dawk antiċipati għandha tkun ittrattata bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq il-bażi ta’ *accruals* kemm għax-xiri u wkoll għall-bejgħ.

3. Fid-data tat-twettieq il-kontijiet il-barra mill-*balance-sheet* għandhom ikunu mreġġa lura, u xi bilanċ fil-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun kreditat mal-kont ta’ qligħ jew telf fit-tmien tal-kwart tas-sena.

4. L-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-munita għandha tkun affetwata bix-xiri antiċipat mid-data tal-kummerċ flimkien ma tnejn jew tlett ijiem utili, jiddependi mill-konvenzjonijiet tas-suq dwar it-twettieq tat-transazzjonijiet tal-mument fir-rata tax-xiri tal-mument.

5. Il-pożizzjonijiet antiċipati għandhom ikunu valutati b'konnesjoni mal-pożizzjoni tal-mument fl-istess munita, b'hekk jagħmlu tajjeb għal xi differenzi li jistgħu jinħolqu fi ħdan il-pożizzjoni ta’ munita waħdanija. Bilanċ ta’ telf nett għandu jkun debitat lejn il-kont ta’ qligħ u telf meta dan jeċċedi il-qligħ tal-valutazzjoni mil-ġdid preċedentament ireġistrati fil-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid; bilanċ ta’ qligħ nett għandu jkun kreditat lejn il-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid.

*L-Artikolu 15*

**Tpartit tal-kambju esteru**

1. Xiri u bejgħ tal-mument għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet tal-*balance-sheet* fil-jum tat-twettieq.

2. Xiri u bejgħ antiċipati għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet il-barra mill-*balance-sheet* mid-data tal-kummerċ sad-data tat-twettieq bir-rata tal-mument tat-transazzjoni anteċipata.

3. Transazzjonijiet tal-bejgħ għandhom ikunu rikonoxxuti bir-rata tal-mument tat-transazzjoni; għalhekk l-ebda qligħ jew telf m'għandu jirriżulta.

4. Id-differenza bejn ir-rati tal-mument u dawk antiċipati għandha tkun ittrattata bħala imgħax pagabbli jew riċevibbli fuq il-bażi ta’ *accruals* kemm għax-xiri u wkoll għall-bejgħ.

5. Fid-data tat-twettieq, il-kontijiet il-barra mill-*balance-sheet* għandhom ikunu mreġġa lura.

6. L-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-kambju esteru m'għandhiex tinbidel.

7. Il-pożizzjoni anteċipata għandha tkun valutata b'konnessjoni mal-pożizzjoni tal-mument.

*L-Artikolu 16*

**Futuri tar-rati ta’ l-imgħaxijiet**

1. Futuri tar-rati ta’ l-imgħaxijiet għandhom ikunu irreġistrati fil-kontijiet il-barra mil-*balance-sheet*.

2. Il-marġini inizjali għandha tkun irreġistrata bħala assi separati jekk iddepożitati bħala flus kontanti. Jekk iddepożitati fil-għamla ta’ kambjali, dawn għandhom jibqgħu mingħajr tibdil fil-*balance-sheet*.

3. Tibdil odjerni fil-marġini tal-varjazzjoni għandhom ikunu irreġistrati fil-*balance-sheet* bħala kont separat, jew bħala assi jew bħala responsabbiltà, jiddependi mill-prezz tal-iżvilupp tal-kuntratt tal-futuri. L-istess proċedura għandha tkun applikata fil-jum ta’ l-għeluq tal-pożizzjoni tal-ftuħ. Immedjetament wara dan, il-kont separat għandu jkun ikkanċellat u r-riżultat globali tat-transazzjoni għandu jkun irreġistrat bħala qligħ jew telf, independentament minn jekk jew le il-forniment ikunx seħħ. Jekk il-forniment ma jkunx seħħ, id-dħul tax-xiri jew tal-bejgħ għandu jseħħ bil-prezz tas-suq.

4. Il-miżati għandhom jittieħdu lejn il-kont ta’ qligħ u telf.

5. Il-kambju fl-euro, jekk xieraq, għandha sseħħ fil-jum ta’ l-għeluq bir-rata tas-suq ta’ dak il-jum. Influss ta’ munita estera għandu jkollu l-effett fuq l-ispiża medja ta’ din il-pożizzjoni tal-munita fid-data ta’ l-għeluq.

6. Minħabba l-valutazzjoni mill-ġdid li sseħħ kulljum, il-qligħ u t-telf għandu jkun imdaħħal u definit f'kontijiet separati. Kont separat fin-naħa ta’ l-asi għandu jirrapreżenta telf u kont separat tar-responsabbiltajiet għandu jirrapreżenta qligħ. Telf mhux rejalizzati għandhom ikunu debitati lejn il-kont ta’ qligħ u telf u tali ammonti għandhom ikunu kreditati lejn kont tar-responsabbilta bħar-responsabbilitajiet l-oħrajn.

7. Telf mhux rejalizzat meħud lejn il-kont ta’ qligħ u telf fit-tmien tas-sena m'għandux ikun imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra il-qligħ mhux rejalizzat, sakemm l-istrument ma jkunx ġie magħluq jew itterminat. Fil-każ ta’ qligħ, id-dħul għandu jkun debitat lejn kont sospiż bħal l-assi l-oħrajn u kreditat lejn il-kont tal-valutazzjoni mill-ġdid.

*L-Artikolu 17*

**Tpartit tar-rati ta’ l-imgħax**

1. Tpartit tar-rati ta’ l-imgħax għandhom ikunu irreġistrati fid-data tal-kummerċ fil-kontijiet il-barra mill-*balance-sheet*.

2. Il-pagament ta' l-imgħaxijiet kurrenti, kemm jek riċevibbli u wkoll jekk imħallsa, għandhom ikunu rreġistrati fuq il-bażi ta' *accruals*. Il-pagamenti ta' totalizzar għal kull tpartit tar-rata ta' l-imgħax huma permissibbli.

3. L-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-munita għandha tkun effetwata bi tpartit tar-rata ta' l-imgħax fil-munita estera meta jkun hemm differenza bejn il-pagamenti akkwistati u l-pagamenti mħallsa. Bilanċ ta' pagament li jwasal lejn influss għandu jaffetwa l-ispiża medja tal-munita meta l-pagament ikun dovut.

4. Kull tpartit tar-rata ta' l-imgħax għandu jkun suq-lejn-suq u, jekk meħtieġ, ikkonvertit f'euro bir-rata tal-mument tal-munita. Telf mhux rejalizzat meħud lejn il-kont tal-qligħ u telf fit-tmien tas-sena m'għandux ikunu imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qligħ mhux rejalizzat sakem l-istrument ikun magħluq jew terminat. Qligħ mhux rejalizzat minn valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun kreditat lejn kont tal-valutazzjoni mill-ġdid.

5. Il-miżati għandhom jittieħdu lejn il-kont ta' qligħ u telf.

*L-Artikolu 18*

**Ftehim ta' rata anteċipata**

1. Il-ftehim tar-rati anteċipati għandhom ikunu rrekordjati fil-waqt tan-negozju fil-kontijiet *off-balance-sheet*.

2. Il-ħlas bħala kumpens għandu jkun imħallas minn parti waħda lejn oħra fil-jum tal-pagament għandu jkun imdaħħal fil-jum tal-pagament fil-kont tal-qliegħ u telf. Il-ħlas m'għandux ikun irrekordjat fuq bażi ta' tkattir.

3. Jekk il-ftehim tar-rata bil-quddiem f'munita estera jkunu miżmuma, għandu jkun hemm effett fuq il-medja tal-ispiża ta' din il-pożizzjoni tal-munita mal-ħlas tal-kumpens. Il-ħlas tal-kumpens għandu jkun tradott fl-euro fir-rata tal-mument fid-data tat-twettieq. Bilanċ ta' pagament li jwasal lejn influss għandu jaffetwa l-ispiża medja tal-munita meta l-pagament ikun dovut.

4. Il-ftehim kollha tar-rata bil-quddiem għandu jkun immarkat-lejn-is-suq, jekk meħtieġ, tradott f'euro fir-rata tal-mument tal-munita. Telf mhux rejalizzat meħud lejn il-kont tal-qligħ u telf fit-tmien tas-sena m'għandux ikunu imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qligħ mhux rejalizzat sakem l-istrument ikun magħluq jew terminat. Qligħ mhux rejalizzat minn valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun kreditat lejn kont tal-valutazzjoni mill-ġdid.

5. Il-miżati għandhom jittieħdu lejn il-kont ta' qligħ u telf.

*L-Artikolu 19*

**Transazzjonijiet anteċipati f'kambjali**

Transazzjonijiet anteċipati f'kambjali jistgħu ikunu meqjusa bi qbil ma wieħed miż-żewġ metodi li ġejjin:

*Metodu A:*

(a) Xiri u bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu rikonoxxuti fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament, bir-rata tal-mument tat-transazzjoni bil-quddiem;

(b) il-medja tal-ispiża fuq il-pussess tal-kambjala nnegozzjata m'għandiex tkun affetwata sa kemm iseħħ il-pagament; l-effetti tal-qliegħ u telf tat-transazzjoni ta' bejgħ bil-quddiem għandhom ikunu kkalkolati fid-data tal-pagament;

(ċ) fid-data tal-pagament tal-kontijiet *off-balance-sheet* għanda tkun imreġġha lura u xi bilanċ fuq il-kont ta' l-evalutazzjoni mill-ġdid – jekk ikun hemm – għandu jkun ikkreditat mal-kont tal-qliegħ u t-telf. Il-kambjali mixtrija għandhom ikunu rreġistrati għall-użu tal-prezz tal-mument fid-data tal-maturità (prezz attwali tas-suq), waqt li d-differenza mal-prezz oriġinali anteċipat għandu jkun rikonoxxut fil-qligħ jew telf rejalizzat;

(d) fil-każ ta' kambjali denominati fil-munita estera, l-ispiża medja tal-pożizzjoni netta tal-munita m'għandhiex tkun affettwata jekk il-BĊE/BĊN diġa jkollu pożizzjoni f'dik il-munita. Jekk titlu mixtri bil-quddiem huwa denominat f'munita li fiha il-BĊE/BĊN ma jkollux pożizzjoni, hekk li jkun meħtieġ li jixtri l-munita relevanti, ir-regoli tax-xiri tal-muniti esteri permezz ta' l-Artiklu 12(3)(d) għandhom applikabbli;

(e) pożizzjonijiet bil-quddiem għandhom ikunu vvalutati fuq bażi iżolati kontra l-prezz bil-quddiem tas-suq għall-kumplament tat-tul tat-tranżazzjoni. Telf ta' evalutazzjoni mill-ġdid fit-tmien tas-sena għandu jkun iddebitat lejn il-kont tal-qliegħ u telf, u qliegħ ta' evalutazzjoni mill-ġdid għandu jkun ikkreditat lejn il-kont ta' l-evalutazzjoni mill-ġdid. Telf mhux rejalizzat rikonoxxut fil-kont tal-qliegħ u t-telf fit-tmiem tas-sena m'għandux ikun imreġġa lura fis-snin sussegwenti kontra qliegħ mhux rejalizzat sakemm l-istrument ma jkunx magħluq jew itterminat.

*Metodu B:*

(a) transazzjonijiet bil-quddiem f'kambjali għandhom ikunu rrekordjati fil-kontijiet *off-balance-sheet* mid-data tan-negozju sad-data tal-pagament, bil-prezz bil-quddiem tat-transazzjoni bil-quddiem. Fid-data tal-pagament il-kontijiet tal-*off-balance-sheet* għandhom ikunu maqluba;

(b) fit-tmiem tal-kwart tas-sena l-evalutazzjoni mill-ġdid ta' kambjala għandu jsir fuq il-bażi tal-pożizzjoni netta li tirriżulta mill-*balance sheet* u mil-bejgħ ta' l-istes kambjala irrekordjata fil-kontijiet *off-balance sheet*. L-ammont ta' l-evalutazzjoni mil-ġdid għandu jkun ugwali għad-differenza bejn din il-pożizzjoni netta vvalutata fil-prezz ta' l-evalutazzjoni mill-ġdid u l-istess pożizzjoni vvalutata fil-medja tal-ispiża tal-pożizzjoni tal-*balance sheet*. Fit-tmien tal-kwart tas-sena, xiri antiċipat għandu jkun suġġett għall-proċess tal-valutazzjoni mill-ġdid kif deskritt fl-Artiklu 7. Ir-riżultat tal-valutazzjoni mill-ġdid għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz tal-mument u l-ispiża medja ta' l-impenji tax-xiri;

(ċ) ir-riżultat tal-bejgħ bil-quddiem għandu jkun irrekordjat fis-sena finanazjarja li fiha l-impenn kien seħħ. Ir-riżultat għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz bil-quddiem inizjali u l-ispiża medja tal-pożizzjoni tal-*balance sheet*, jew ta' l-ispiża medja tal-impenn tax-xiri tal-*off-balance-sheet* jekk il-pożizzjoni tal-*balance sheet* tkun insuffiċjenti, fil-waqt tal-bejgħ.

Il-KAPITOLU V

## OBBIGAZZJONI TAR-RAPPORTAĠĠ

*L-Artikolu 20*

### Formati tar-rapportaġġ

1. Il-BĊN għandu jirraporta d-dettalji għall-iskopijiet tar-rapportaġġ finanzjarju tal-Eurosistema lejn il-BĊE b'konformità mal-ħtiġiet addottati mill-Kunsill Governattiv.

2. Il-formati tar-rapportaġġ tal-Eurosistema għandhom ikunu konsistenti ma din il-Linja gwida u jinkludu il-punti speċifikati kollha fl-Anness IV. Il-kontenuti tal-punti li għandhom ikunu nklużi fil-formati differenti tal-*balance-sheet* huma wkoll deskritti fl-Anness IV.

3. Il-formati tar-rendikonti finanzjarji differenti kif ippubblikati huma stabbiliti f'dawn l-Annessi li ġejjin:

(a) ir-rendikont konsolidat ta' kull ġimgħa ppublikat tal-Eurosistema wara t-mien tal-kwart tas-sena fl-Anness V;

(b) ir-rendikont konsolidat ta' kull ġimgħa ppublikat tal-Eurosistema wara t-mien tal-kwart tas-sena fl-Anness VI;

(ċ) il-*balance-sheet* konsolidata tal-Eurosistema fl-Anness VII.

Il-KAPITOLU VI

## *BALANCE-SHEETS* ANNWALI IPPUBLIKATI U L-KONTIJIET TAL-QLIGĦ U T-TELF

*L-Artikolu 21*

### *Balance-sheets* annwali ippublikati u l-kontijiet tal-qligħ u t-telf

Huwa rakkomandat li l-BĊN jaddottaw il-*balance-sheets* annwali ppublikati u l-kontijiet tal-qligħ u telf b'komformità ma l-Annessi VIII u IX.

Il-KAPITOLU VII

## REGOLI TA' KONSOLIDAZZJONI

*L-Artikolu 22*

### Regoli ġenerali konsolidati

1. Il-*balance-sheet*s konsolidati tal-Eurosistema għandhom jinkludu l-punti kollha fil-*balance-sheet*s tal-BĊE u l-BĊN.

2. Il-*balance-sheet*s konsolidati tal-Eurosistema għandhom ikunu prodotti mill-BĊE u għandhom ikunu konformi mal-ħtieġa tal-prinċipji u t-teknika tal-kontijiet uniformi, il-ħtieġa tal-perijodi komuni finanzjarji fil-Eurosistema, il konsolidazzjoni ta' l-aġġustamenti li jirriżultaw minn transazzjonijiet u pożizzjonijiet intra-Eurosistema, u l-kont għal tibdil fil-kompożizzjoni tal-Eurosistema.

3. Il-punti individwali tal-*balance-sheet*, apparti milli l-bilanċi tal-intra-Eurosistema tal-BĊN u tal-BĊE, għandhom ikunu aggredati għal skopijiet tal-konsolidazzjoni.

4. Il-bilanċi tal-BĊN u tal-BĊE ma partijiet terzi għandhom ikunu reġistrati fit-totall gross fil-proċess tal-konsolidazzjoni.

5. Il-bilanċi ta' l-intra-Eurosistema għandhom ikunu preżentati fil-*balance-sheets* tal-BĊE u tal-BĊN kif deskritt fl-Anness IV.

6. Għandu jkun hemm konsistenza matul ir-rapporti tal-proċess tal-konsolidazzjoni. Ir-rendikonti finanzjarji kollha tal-Eurosistema għandhom ikunu ppreparati fuq bażi simili bl-applikazzjoni ta' l-istess teknika u proċessi tal-konsolidazzjoni.

Il-KAPITOLU VIII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*L-Artikolu 23*

### Żvilupp, applikazzjoni u interpretazzjoni tar-regoli

1. Il-Kumitat tal-Kontijiet u d-Dħul Monetarju (AMICO) għandu pariri lil-Kunsill Regolatorju, permezz tal-Board Eżekuttiv, dwar l-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-implementazzjoni tar-regoli tal-kontijiet tas-SEBĊ.

2. Fl-interpretazzjoni ta' din il-Linja gwida, akkont għandu jittieħed tax-xogħol preparattiv, tal-prinċipji armonizzati bil-liġi tal-Komunità u n-normi ġeneralment aċċettati tal-kontijiet internazzjonali.

*L-Artikolu 24*

**Tħassir**

Il-Linja gwida BĊE/2000/18 hija hawnhekk imħassra. Ir-referenzi għal-Linja gwida imħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din il-Linja gwida.

*L-Artikolu 25*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, din il-Linja gwida għandha wkoll tkun applikabbli għall-format tal-*balance-sheet* annwali konsolidata tal-Eurosistema bħal fil-31 ta' Diċembru 2002 u tal-format rakkommandat għall-*balance-sheets* annwali tal-BĊN bħal fil-31 ta' Diċembru 2002, bil-*proviso* li l-karti bankarji nazzjonali li jkunu għandhom fiċ-ċirkolazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2002 għandhom ikunu irreġistrati fil-punt tal-*balance-sheet* "karti bankarji fiċ-ċirkolazzjoni". Din għandha aktar minn hekk tkun applikabbli għar-regoli tal-iżvelar li jirrigwardjaw il-karti bankarji euro li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni, remunerazzjoni tat-talbiet/responsabbiltaijiet netti tal-Eurosistema mill-allokazzjoni tal-karti bankarji euro fi ħdan il-Eurosistema u l-introjtu monetarju.

3. Din il-Linja gwida qed tiġi indirizzata lill-BĊN

Din il-Linja gwida għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-5 ta' Diċembru 2002.

*F'isem il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE*

*Il-President*

Willem F. DUISENBERG

*ANNESS I*

**RENDIKONTI FINANZJARJI GĦALL-*EUROSYSTEM***

| It-tip tar-rapport | Intern/pubblikat | Is-sors tal-kondizzjoni legali | L-iskop tar-rapport |
|---|---|---|---|
| 1. Rendikont finanzjarju ta' kull jum tal-*Eurosystem* | Intern | Xejn | Prinċipalment għall-iskopijiet ta' l-immaniġġar tal-likwidità (għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 12.1 ta' l-Istatut)<br><br>Parti mir-rendikont finanzjarju ta' kull jum hija wżata għall-kalkolazzjoni tad-dħul monetaju |
| 2. Ir-rendikont finanzjarju disaggregat ta' kull ġimgħa | Intern | Xejn | Bażi għall-produzzjoni tar-rendikont finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa tal-*Eurosystem* |
| 3. Ir-rendikont finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa tal-*Eurosystem* | Pubblikat | L-Artikolu 15.2 ta' l-Istatut | Rendikont finanzjarju konsolidat għal analiżi monetarja u ekonomika (Ir-rendikont finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa tal-*Eurosystem* huwa meħud mir-rendikont finanzjarju ta' kull jum tal-jum tar-rapport) |
| 4. Informazzjoni finanzjarja ta' kull xahar jew ta' kull tliet xhur tal-*Eurosystem* | Pubblikat u intern [1] | Regolamenti ta' l-Istatistika, li fuqhom *MFIs*-għandhom ifornu d-data | Analiżi statistika |
| 5. Karta tal-bilanċ konsolidata tal-*Eurosystem* | Pubblikat | L-Artikolu 26.3 ta' l-Istatut | Karta tal-bilanċ konsolidata għal skopijiet analitiċi u operazzjonali |
| 6. Rapportar disaggregat ta' kuljum tal-flussi u tal-bilanċi tat-TARGET għas-SEBĊ | Interna | Xejn | Deskrizzjoni qasira ta' transazzjonijiet TARGET fis-SEBĊ |

[1] Id-data mpoġġija kull xahar fid-data (aggregata) ta' l-istatistika pubblikata meħtieġa minn istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (*MFIs*) fl-Unjoni Ewropea. Barra minn dan, bħala *MFIs*, il-banek ċentrali għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dettaljata oħra fuq il-bażi ta' kwart ta' sena minn dak li huwa provdut fid-data ta' kull xahar.

*ANNESS II*

**GLOSSARJU**

Amortizzazzjoni għandha tfisser it-tnaqqis sistematiku fil-kontijiet ta' primjum/skont jew tal-valur ta' l-assi fuq perjodu ta' żmien.

Assi għandu jfisser riżorsa kkontrollata mill-intrapriża bħala riżultat ta' avvenimenti tal-passat u li minnha huwa mistenni li benefiċċji ekonomiċi futuri jirriżultaw fl-intrapriża.

Programm ta' self ta' sigurtà awtomatizzat (ASLP) għandu jfisser operazzjoni finanzjarja li tikkombina transazzjonijiet *repo* u *reverse repo* fejn garanzija speċifika tkun mislufa kontra garanzija ġenerali. Bħala riżultat ta' dawn it-transazzjonijiet ta' għoti ta' self u aċċettazzjoni ta' self, ikun ġenerat dħul mir-rati differenti ta' repo taż-żewġ transazzjonijiet (jiġifieri, il-marġini riċevut). L-operazzjoni tista' tkun eżegwita skond programm ibbażat fuq prinċipal, jiġifieri il-bank li jkun qiegħed joffri dan il-programm ikun ikkunsidrat li hu l-kontroparti finali, jew skond programm ibbażat fuq aġenzija, jiġifieri il-bank li jkun qiegħed joffri dan il-programm jaġixxi biss ta' aġent, u l-kontroparti finali tkun l-istituzzjoni li magħha t-transazzjonijiet ta' self ta' sigurtà ikunu effettivament eżegwiti.

Il-valur medju għandu jfisser il-metodu kontinwat jew peżat, li bih il-valur ta' kull xirja jkun miżjud mal-valur tal-ktieb eżistenti sabiex ikun prodott valur medju peżat ġdid.

Metodu ta' flus kontanti/issetiljar għandu jfisser metodu taż-żamma tal-kotba li bih avvenimenti taż-żamma tal-kotba jkunu reġistrati fid-data ta' l-issetiljar.

Prezz nadif għandu jfisser il-prezz tat-transazzjoni eskluż kwalunkwe tnaqqis/interess akkumulat, iżda inkluż l-ispiża tat-transazzjonijiet li jagħmlu parti mill-prezz.

Skont għandu jfisser id-differenza bejn il-valur pari ta' sigurtà u l-prezz tagħha meta tali prezz ikun inqas mill-valur pari.

Sigurtà ta' skont għandha tfisser assi li ma jħallasx interess bil-kupun, u l-profitt li jkun realizzat bl-apprezzament tal-kapital minħabba li l-assi jkun maħruġ jew miġjub bi skont.

Metodu ekonomiku għandu jfisser metodu taż-żamma tal-kotba li permezz tiegħu ftehim ikunu reġistrati fid-data tat-transazzjoni.

Strumenti ta' ekwità għandhom ifissru sigurtajiet li jkollhom effet fuq id-dividend (ishma ta' korporazzjoni, u sigurtajiet li jkunu evidenza ta' investiment 'fond ta' ekwità).

Assi finanzjarju għandu jfisser assi li jkun: (i) flus kontanti; jew (ii) dritt kontrattwali li jkunu riċevuti flus kontanti jew strument finanzjarju ieħor minn antrapriża oħra; jew (iii) dritt kontrattwali li jkunu skamjati strumenti finanzjarji ma' intrapriża oħra taħt kondizzjonijiet li huma potenzalment favorevoli; jew (iv) strument ta' ekwità ta' intrapriża oħra.

Piż finanzjarju għandu jfisser kwalunkwe piż li huwa obbligazzjoni legali li jingħataw flus kontanti jew strument finanzjarju ieħor lil intrapriża oħra taħt kondizzjonijiet li huma potenzalment sfavorevoli.

Id-detenzjoni ta' munita barranija għandha tfisser il-pożizzjoni netta fil-muinta rispettiva. Għall-iskop ta' din id-definizzjoni drittijiet speċjali ta' ġbid (*SDRs*) għandhom ikunu meqjusa bħala munita separata.

*Foreign exchange forward*għandu jfisser kuntratt li fih ix-xiri jew bejgħ bla ebda riserva ta' ċertu ammont denominat f'munita barranija għal munita oħra, normalment il-munita domestika, ikun miftiehem f'jum wieħed u l-ammont għandu jkun ikkunsinjat f'data speċifika fil-futur, aktar minn jumejn ta-xogħol wara d-data tal-kuntratt, bi prezz stabbilit. Din ir-rata ta' *foreign exchange forward* tikkonsisti fir-rata kurrenti prevalenti li magħhu jiżdied/li minnu jitnaqqas primjum/skont miftiehem.

Tpartit ta' munita barranija għandu jfisser l-*ispot purchase*/sale simultanju ta' munita waħda għal oħra (*short leg*) u *forward sale/purchase* ta' l-istess ammont ta' din il-munita għall-munita l-oħra (*long leg*).

*Forward rate agreement* għandu jfissr kuntratt fejn żewġ partijiet jiftiehemu dwar ir-rata ta' l-interessi li għandha tithallas fuq depożitu nozzjonali b'maturità speċifikata f'data futura speċifika. Fid-data ta' l-issetiljar ikollu jitħallas kumpens minn parti waħda lill-oħra, skond id-differenza bejn ir-rata ta' l-interessi kontrattata u r-rata tas-suq fid-data ta' l-issetiljar.

*Forward transactions* f'sigurtajiet għandhom ifissru kuntratti fil-miftuħ fejn ix-xiri jew il-bejgħ ta' strument ta' rata ta' interessi (normalment bond jew nota) tkun miftiehema li tkun imwassla fid-data tal-kuntratt, bi prezz partikolari.

Rata ta' interessi futura għandha tfisser kuntratt ta' skambju *traded forward*. F'tali kuntratt, ix-xiri jew il-bejgħ ta' strument ta' rata ta' interessi, p.e. bond, tkun miftiehema li tkun imwassla fid-data tal-kuntratt f'data futura, bi prezz partikolari. Normalment ma jseħħ l-ebda twassil; normalment il-kuntratt jingħalaq qabel il-maturità miftiehema.

Rata interna ta' profitt għandha tfisser ir-rata ta' skont li biha l-valur taż-żamma tal-kotba ta' sigurtà tkun daqs il-valur preżenti tad-dħul ul-ħruġ tal-flus fil-futur.

Tpartit ta' rata ta' interessi (minn unita għal oħra) għandha tfisser ftehim kontrattwali sabiex ikun skambjat dħul u ħruġ ta' flus li jirrappreżentaw flussi ta' pagamenti perjodiċi ta' interessi ma' kontroparti jew f'munita waħda jew f'żewġ muniti differenti.

Sensil għandu jfisser l-infrastrutturi tekniċi, karatteristiċi tad-disinn u proċeduri li jitpoġġew f'posthom fi ħdan jew jikkostitwixxu adattazzjonijiet ta' kull sistema nazzjonali RTGS u l-mekkaniżmu tal-pagamenti tal-BĊE (EPM) għall-iskop li jkunu proċessati pagamenti minn pajjiż għall-ieħor fis-sistema tat-TARGET.

Numru ta' identifikazzjoni ta' sigurtajiet internazzjonali (ISIN) għandu jfisser in-numru maħruġ mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-ħruġ.

Piż għandu jfisser obbligazzjoni preżenti ta' l-intrapriża li toriġina minn avvenimenti ta' l-imgħoddi, li l-issetiljar tagħhom huwa mistenni li jirriżulta fi ħruġ mill-intrapriża ta' riżorsi li jkun fihom benefiċji ekonomiċi.

Il-prezz tas-suq għandu jfisser il-prezz li jkun kwotat għal strument tad-deheb, munita barranija jew sigurtajiet normalment eskluż interess akkumulat jew ta' tnaqqis f'suq organizzat, p.e. borża jew f'suq mhux organizzat, p.e. suq fil-miftuħ.

Data ta' maturità għandha tfisser id-data li fiha l-valur nominali/prinċipali jsir dovut u jkun jistà jitħallas lid-detentur.

Prezz fin-nofs tas-suq għandu jfisser il-punt tan-nofs bejn il-prezz offrut u l-prezz ta' l-offerta għal sigurtà ibbażati fuq kwotazzjonijiet għal transazzjonijiet ta' daqs tas-suq medju minn organizzaturi tas-suq rikonoxxuti jew boroż rikonoxxuti, li jkun użat għall-proċedura ta' evalwazzjoni mill-ġdid ta' kull erbgħa xhur.

Ir-rata tan-nofs tas-suq għandha tfisser ir-rati miftiehema ta' kuljum tal-BĊE fis-14.15, li tkun użata għall-proċedura ta' evalwazzjoni mill-ġdid ta' kull erbgħa xhur.

Primjum għandu jfisser id-differenza bejn il-valur pari ta' sigurtà u l-prezz tagħha meta tali prezz ikun għola millpariità.

Proviżjonijiet għandhom ifissru ammonti mwarrba qabel ma tkun kalkolata l-figura ta' profitt jew telf sabiex ikun provdut għal kwalunkwe piż jew riskju magħruf jew mistenni, li l-ispiża tiegħu ma tkunx tista' tkun determinata bi preċiżjoni (ara Riżervi). Proviżjonijiet għal piżijiet u spejjeż futuri ma jistgħux ikunu wżati sabiex ikun aġġustat il-valur ta' assi.

Profitti/telf realizzat għandu jfisser profitti/telf li joriġinaw mid-differenzabejnil-prezztal-bejgħta'oġġetttal-kartatal-bilanċ u l-valur aġġustat tagħha.

Riservi għandhom ifissru ammont imwarrab mill-profitti li jkunu jistgħu jkunu distribbwiti, li ma jkunx intiż li jagħmel tajjeb għal xi piż, kontinġenza jew tnaqqis mistenni fil-valur ta' l-assi li jkun magħruf li jeżisti fid-data tal-karta tal-bilanċ partikolari.

Kontijiet ta' evalwazzjoni mill-ġdid għandhom ifissru kontijiet tal-karta tal-bilanċ għar-reġistrazzjoni tad-differenza filvalur ta' assi jew piż bejn l-ispiża aġġustata ta' l-akkwiżizzjoni tiegħu u l-valutazzjoni tiegħu bil-valur tas-suq fl-aħħar ta' perjodu, meta dan ta' l-aħħar ikun għola minn dak ta' qabel fil-każ ta' l-assi, u fejn dan ta' l-aħħar ikun inqas minn dak ta' qabel fil-każ tal-piżijiet. Huma jinkludu differenzi fiż-żewġ prezzijiet u/jew rati tas-suq tal-kambju.

Ftehim ta' bejgħ u xiri mill-ġdid bil-kontra (*reverse repro*) huwa kuntratt li permezz tiegħu detentur ta' flus kontanti jati l-kunsens tigħu għax-xiri ta' assi u, simultanjament, jati l-kunsens tiegħu sabiex jerġa' ibigħ l-assi għal prezz maqbul fuq talba, jew wara żmien dikjarat, jew fl-evetwalità ta' kontinġenza partikolari. Kultant *repo transaction* tkun maqbula permezz ta' terza persuna (*triparty repo*).

Transazzjonijiet bil-kontra għandhom ifissru operazzjoni li permezz tagħha l-bank ċentrali jixtri (*reverse repro*) jew ibigħ (*repro*) assi skond ftehim għax-xiri mill-ġdid jew jeżegwixxi operazzjonijiet ta' kreditu b'garanzija.

Issetiljar ifisser att li jħallas obbligazzjonijiet fil-konfront ta' trasferimenti ta' fondi jew assi bejn żewġ partijiet jew iktar. Fil-kuntest ta' transazzjonijiet intra *Eurosystem*, issetiljar jirreferi għall-eliminazzjoni tal-bilanċi netti li joriġinaw mit-transazzjonijiet intra *Eurosystem* u jeħtieġ it-trasferiment ta' assi.

Id-data ta' l-issetiljar għandha tfisser id-data li fiha t-trasferiment finali u irrevokabbli tal-valur tkun ġiet reġistrata fil-kotba ta' l-istituzzjoni rilevanti ta' l-issetiljar. L-għażla tal-ħin ta' l-issetiljar tista' tkun immedjata (ħin reali), fl-istess ġurnata (fl-aħħar tal-jum) jew data maqbula wara d-data li fiha l-obbligazzjoni tkun maqbula.

Deprezzament/amortizzazzjoni f'linja dritta għandha tfisser li dak id-deprezzament/amortizzazzjoni fuq tul partikolari ta' żmien huwa determinat billi jkun diviż il-valur ta' l-assi, mingħajr il-valur residwali stmat, bil-ħajja utili stmata ta' l-assi *pro rata temporis*.

TARGET għandu jfisser is-sistema tat-*Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* komposta minn sistema waħda ta' *Real-Time Gross Settlement* (sistema RTGS) f'kull wieħed mill-*BĊN*, l-*EPM* u l-inter-konnessjoni.

L-ispejjeż tat-transazzjoni għandhom ifissru spejjeż li jkunu identifikabbli bħala relatati mat-transazzjoni speċifika.

Il-prezz tat-transazzjoni għandu jfisser il-prezz miftiehem bejn il-partijiet fejn isir kuntratt.

Profitti/telf mhux realizzati għandhom ifissru profitti/telf li joriġinaw mill-evalwazzjoni mill-ġdid ta' assi mqabbla mal-valur aġġustat ta' l-akkwist tagħhom.

ANNESS III

## DESKRIZZJONI TAL-METODU EKONOMIKU

### 1. *Trade date accounting* għal (i) transazzjonijiet b'munita barranija u (ii) xiri u bejgħ ta' sigurtajiet (il-metodu regolari)

It-transazzjonijiet jkunu reġistrati fuq *off-balance sheet accounts* fid-data tan-negozju. Fid-data ta' l-issetiljar ir-reġistrazzjonijiet ta' l-ibbukjar ta' l-*off-balance sheet* ikunu maqluba bil-kontra, u t-transazzjonijiet ikunu bbukjati fuq kontijiet tal-karta tal-bilanċ.

Il-posizzjoni tal-munita barranija u/jew l-posizzjoni tas-sigurtajiet hija affetwata fid-data tan-negozju. Għalhekk, profitti u telf realizzati minn bejgħ nett ikunu kalkolati u bbukjati wkoll fid-data tan-negozju. Xiri nett ta' munita barranija jaffetwaw il-valur medju tad-detenzjoni tal-munita, u x-xiri ta' sigurtà taffetwa l-prezz medju ta' dik is-sigurtà, fid-data tan-negozju.

### 2. L-ibbukjar ta' kuljum ta' l-interessi akkumulati, inklużi l-primjums u l-iskonti

L-interess, il-primjum jew l-iskont akkumulat relatat ma' strumenti finanzjarji denominati f'munita barranija huwa kalkolat u bbukjat kuljum, indipendentement minn dħul u ħruġ reali ta' flus. Dan ifisser li l-pożizzjoni tal-munita barraija hija affetwata meta dan l-interess akkumulat ikun ibbukjat, bil-kontra ta' dak li jiġri meta l-interess ikun riċevut jew imħallas ([1]).

**1 (*trade date accounting*):**

Żewġ tekniki differenti kienu definiti sabiex ikun implimentat *trade date accounting*:

– il-"rmetodu regolari"; u

– il-"metodu alternattiv".

Il-"metodu alternattiv" jinkludi il-karatteristiċi li ġejjin: bil-kontra tal-"metodu regolari", ma hemm l-ebda ibbukjar *off-balance sheet* ta' kull jum tat-transazzjonijiet miftiehema li huma ssetiljati f'data suċċessiva. Ir-rikonoxximent ta' dħul realizzat u l-kalkolazzjoni ta' spejjeż ġodda medji (fil-każ ta' xiri b'munita barranija) u prezzijiet medji (fil-każ ta' xiri ta' sigurtajiet) huwa eżegwit fid-data ta' l-issetiljar ([2]).

Għal transazzjonijiet miftiehema f'sena waħda li iżda jimmaturaw fis-sena ta' wara, ir-rikonoxximent tad-dħul huwa trattat skond il-"metodu regolari". Dan ifisser li l-effetti realizzati minn bejgħ ikollu impatt fuq id-dikjarazzjoni tal-profitti u telf tas-sena li fiha t-transazzjoni kienet miftiehema u xiri jbiddlu r-rati/prezz medju ta' detentur fis-sena li fiha t-transazzjonijiet kienet miftiehema. Iżda, l-ebda reġistrazzjonijiet *off-balace sheet* ma huma meħtieġa.

It-tabella li ġejja turi l-karatteristiċi prinċipali taż-żewġ metodi żviluppati għal strumenti individwali ta' minta barranija u għal sigurtajiet.

---

([1]) Kienu identifikati żewġ metodi possibbli għar-rikonoxximent ta' akkumulazzjoni. L-ewwwel metodu huwa "il-metodu tal-ġurnata kalendarja" fejn l-akkumulazzjoni tkun reġistrata f'kull ġurnata kalendarja indipendentement minn jekk ġurnata tkunx waħda ta' tmiem il-ġimgħa, btala tal-bank jew ġurnata tan-negozju. It-tieni metodu huwa "il-metodu tal-ġurnata tan-negozju" fejn l-akkumulazzjoni jkunu reġistrati biss fi ġranet tan-negozju. Ma hemm l-ebda preferenza fir-rigward ta' l-għażla tal-metoduIżda, jekk l-aħħar ġurnata tas-sena ma tkunx ġurnata tan-negozju jkun meħtieġ li tkun inkluża fil-kalkolazzjoni ta' l-akkumulazzjoni fi kwalunkwe wieħed miż-żewġ metodi.

([2]) Fil-każ ta' *forward transactions* ta' munita barranija d-detenzjoni tal-munita tkun affetwata fl-*ispot date* (jiġifieri normalment id-data tan-negozju b'żjieda ta' jumejn).

| *TRADE DATE ACCOUNTING* | |
|---|---|
| **Il-Metodu Regolari** | **Il-Metodu alternattiv** |
| FX ([1]) *spot transaction* – trattament matul is-sena | |
| Xiri FX huwa bbukjat *off-balance sheet* fid-data tan-negozju u jaffetwa l-valur medju tal-pożizzjoni tal-munita barranija minn din id-data | Xiri FX huwa bbukjat fuq il-karta tal-bilanċ fid-data ta' l-issetiljar u jaffetwa l-valur medju tal-pożizzjoni tal-munita barranija minn din id-data |
| Profitti u telf li joriġinaw minn bejgħ huma meqjusa bħala realizzati fid-data tat-transazzjoni/tan-negozju. Fid-data ta' l-issetiljar, ir-reġistrazzjonijiet *off-balance sheet* ikunu mdawwra bil-kontra, u reġistrazzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ ikunu magħmula | Profitti u telf li joriġinaw minn telf huma meqjusa bħala realizzati fid-data ta' l-issetiljar. Fid-data tan-negozju ma ssir l-ebda reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ |
| FX *forward transaction* – trattament matul is-sena | |
| Huma trattati bl-istess mod li huwa deskritt hawn fuq għal *spot transactions*, billi huma reġistrati bir-rata *spot* tat-transazzjoni. | Xiri FX huwa bbukjat *off-balance sheet* fl-*ispot date* tat-transazzjoni, billi jaffetwa l-valur medju tal-pożizzjoni tal-munita barranija minn din id-data u bir-rata kurrenti tat-transazzjoni<br><br>Bejgħ FX huwa bbukjat *off-balance sheet* fl-*ispot date* tat-transazzjoni. Profitti u telf huma meqjusa li kienu realizzati fl-*ispot date* tat-transazzjoni<br><br>Fid-data ta' l-issetiljar ir-reġistrazzjonijiet *off-balace sheet* ikunu mdawwra bil-kontra, u reġistrazzjonijiet *on balance sheet* ikunu magħmula<br><br>Għall-perjodu u trattament ara hawn taħt f'*FX spot and forward transactions li jaqsmu t-tmiem ta' perjodu* |
| FX transazzjonijiet *spot* u *forward* mibdija fis-sena 1 bl-*ispot date* tat-transazzjoni fis-sena 2 | |
| L-ebda arranġament speċjali ma huwa meħtieġ minħabba li t-transazzjonijiet ikunu bbukjati fid-data tan-negozju, u profitti u telf ikunu rikonoxxuti f'dik id-data | Għandhom ikunu trattati bħal ma jiġri fil-metodu regolari ([2]):<br><br>– Bejgħ FX ikun ibbukjat *off-balance sheet* fis-sena 1 sabiex ikunu rapportati l-profitti/telf FX realizzati fis-sena finanzjarja li fiha t-transazzjoni kienet miftiehema<br><br>– Xiri FX ikun ibbukjat *off-balance sheet* fis-sena 1 billi jaffetwa l-valur medju tal-pożizzjoni tal-munita barranija minn din id-data<br><br>– Evalwazzjoni mill-ġdid ta' tmiem is-sena tad-detenzjoni ta' munita għandha tikkonsidra xiri/bejgħ nett bi *spot date* fis-sena finanzjarja ta' wara |
| Rati ta' l-interessi futuri f'muniti barranin | |
| Marġni ta' varjazzjoni denominati f'muniti barranin jaffetwaw il-pożizzjoni tal-munita barranija kull jum (meta jseħħu). Qliegħ u telf huma wkoll ikkonsidrati bħala realizzati kull jum | L-istess soluzzjoni kif deskritta fil-"Metodu Regolari" ([3]) |
| Transazzjonijiet ta' sigurtajiet-trattament matul is-sena | |
| Xiri u bejgħ huma rikonoxxuti *off-balance sheet* fid-data tan-negozju. Qliegħ u telf huma wkoll rikonoxxuti f'din id-data, u l-valur medju jkun affetwat fid-data tan-negozju. Fid-data ta' l-issetiljar ir-reġistrazzjonijiet *off-balance sheet* ikunu magħmula (jiġifieri, l-istess trattament bħal *FX spot transactions*) | It-transazzjonijiet kollha jkunu reġistrati fid-data ta' l-issetiljar (iżda ara hawn taħt għat-trattament fl-aħħar tal-perjodi). Għalhekk l-impatt fuq il-prezzijiet tal-valur medju (fl-eventwalità ta' bejgħ) huwa rikonoxxut fid-data ta' l-issetiljar |

| *TRADE DATE ACCOUNTING* | |
|---|---|
| **Il-Metodu Regolari** | **Il-Metodu alternattiv** |
| Transazzjonijiet ta' sigurtajiet mibdija fis-sena 1 bl-i*spot date* tat-transazzjoni fis-sena 2 | |
| Ma huwa meħtieġ l-ebda trattament speċjali minħabba li t-transazzjonijiet u l-konsegwenzi huma diġà ibbukjati fid-data tan-negozju | Qliegħ u telf realizzat ikunu rikonoxxuti fis-sena 1 fit-tmiem tal-perjodu (jiġifieri l-istess trattament bħal *FX spot transactions*), u xiri jkollu impatt fuq il-kalkolazzjoni tar-rata medja u huwa nkluż fil-proċess ta' eva;wazzjoni mill-ġdid ta' tmien is-sena (2) |

(1) "FX" tfisser munita barranija.
(2) Bħas-soltu l-prinċipju ta' materjalità jista' ikun applikat fejn dawn it-transazzjonijiet ma jkollhom l-ebda impatt materjali fuq il-pożizzjoni tal-munita barranija u/jew fuq il-kont ta' qligħ u telf.
(3) Ma huwa meħtieġ l-ebda trattament speċifiku għal transazzjonijiet li jaqsmu perjodu. L-ibbukjar ta' kull jum tal-marġni tal-varjazzjoni huwa konformi mal-metodu ekonomiku minħabba li l-qligħ u t-telf huma konsidrata li jkunu realizzati kull jum.

**2 (ibbukjar ta' kull jum ta' l-interess/il-primjums jew skonti akkumulati):**

It-tabella li ġejja turi l-impatt ta' l-ibbukjar ta' kull jum ta' l-akkumulazzjoni fuq id-detenzjoni tal-munita barranija (p.e. l-interess li għandu jitħallas u l-primjunm/skonti amortizzati):

| L-IBBUKJAR TA' KULL JUM TA' L-INTERESS AKKUMULAT (BĦALA PARTI MILL-METODU EKONOMIKU) |
|---|
| L-akkumulazzjoni għal strumenti denominati fl-FX hija akkumulata u bbukjata kuljum bir-rata ta' nofs is-suq tal-kambju tal-jum |
| Impatt fuq id-detenzjoni FX |
| L-akkumulazzjoni taffetwa l-pożizzjoni tal-munita barranija fil-ħin li tkun ibbukjata, billi ma tkunx maqluba bil-kontra aktar 'il quddiem. L-akkumulazzjoni tkun imħassra meta l-flus kontanti propja jkunu riċevuti jew imħallsa. fid-data ta' l-issetiljar ma jkun hemm l-ebda effet fuq il-pożizzjoni tal-munita barranija, minħabba li l-akkumulazzjoni tkun inkluża fil-pożizzjoni li tkun qiegħedha tiġi evalwata mill-ġdid fl-evalwazzjoni mill-ġdid perjodika |

*ANNESS IV*

## REGOLI GĦALL-KOMPOŻIZZJONI U VALUTAZZJONI GĦALL-KARTA TAL-BILANĊ

ASSI

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ ([1]) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni ([2]) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | 1. | ***Receivables* tad-deheb u tal-fidda** | Deheb fiżiku (jiġifieri, ingotti, muniti, folji, *nuggets*) maħżuna jew fit-triq. Deheb mhux fiżiku, bħal bilanċi f'*gold sight accounts* (kontijiet mhux allokati), depożiti għal terminu u talbiet għall sabiex ikun riċevut deheb li joriġinaw mit-transazzjonijiet li ġejjin:<br><br>Transazzjonijiet jew pożizzjoni tad-deheb li jgħollu jew li ibaxxu l-grad jew tpartit ta' purità fejn ikun hemm differenza ta' iżjed minn ġurnata tan-negozju waħda bejn ir-rilaxx u r-riċeviment | Il-valur fis-suq | Mandatarju |
| 2. | 2. | **Talbiet fuq residenti taz-zona mhux ta' l-Euro denominati f'muniti barranin** | Talbiet fuq kontropartijiet residenti barra ż-żona ta' l-euro (inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sopranazzjonali u banek ċentrali barra ż-żona ta' l-euro) denominati f'munita barranija | | |
| 2.1 | 2.1 | ***Receivables* mill-IMF** | (a) *Drittijiet ta' ġbid fil-porzjon ta' flus siservat (nett)*<br>Il-kwota nazzjonali li minnha jitnaqqsu l-bilanċi f'euro skond l-istruzzjonijiet ta' l-IMF (Il-kont Nru 2 ta' l-IMF (il-kont ta' l-euro għal spejjeż amministrattivi) jista' ikun inkluż f'din il-pożizzjoni jew taħt l-oġġett 'Piżijiet għal residenti ta' zona mhux tal-euro denominati fl-euro) | (a) *Drittijiet ta' ġbid fil-porzjon ta' flus siservat (nett)*<br>Il-valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambji esteri | Mandatarju |
| | | | (b) *Drittijiet speċjali ta' ġbid*<br>Dawk li għandhom drittijiet speċjali ta' ġbid | (b) *Drittijiet speċjali ta' ġbid*<br>Il-valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambji barranin | Mandatarju |
| | | | (ċ) *Talbiet oħra*<br>Arranġamenti ġenerali għas-self (GAB), self taħt arranġamenti speċjali għas-self, depożiti fil-qafas tat-Tnaqqis tal-Faqar u Faċilità tat-Tkabbir (PRGF) | (ċ) *Talbiet oħra*<br>Il-valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambji esteri | Mandatarju |

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ ([1]) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni ([2]) |
|---|---|---|---|---|---|
| 2.2 | 2.2 | **Bilanċi mal-banek, investimenti fis-sigurtajiet, self estern u assi esterni oħra** | (a) *Bilanċi mal-banek barra z-zona ta' l-euro*<br>Kontijiet korrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għall-ieħor, *reverse repo transactions* | (a) *Bilanċi mal-banek barra z-zona tal-euro*<br>Il-valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambji esteri | Mandatarju |
| | | | (b) *Investimenti fis-sigurtajiet (barra ishma b'imgħax mhux fiss, parteċipazzjonijiet u sigurtajiet oħra taħt l-oġġett ta' l-assi "Assi finanzjarji oħra") barra z-zona tal-euro*<br>Karti tal-flus u bonds li jistgħu jkunu negozjati, kambjali, *zero bonds,* karti tal-flus tas-suq, ilkoll maħruġa minn residenti ta' zoni mhux tal-euro | (b) *Sigurtajiet (li jistgħu jkunu negozjati)*<br>Il-prezz tas-suq u r-rata tal-kambji esteri | Mandatarju |
| | | | (ċ) *Self estern (depożiti)*<br>Self lil u sigurtajiet li ma jistgħux ikunu negozjati (barra ishma b'imgħax mhux fiss, parteċipazzjonijiet u sigurtajiet oħra taħt l-oġġett ta' l-assi "Assi finanzjarji oħra") maħruġa minn residenti ta' zona mhux tal-euro | (ċ) *Self estern*<br>Depożiti bil-valur nominali, sigurtajiet bil-prezz ta' l-ispejjeż li ma jistgħux ikunu negozjati; it-tnejn maqluba bir-rata ta' l-iskambji esteri | Mandatarju |
| | | | (d) *Assi esterni oħra*<br>Karti tal-flus u muniti taz-zona mhux tal-euro | (d) *Assi esterni oħra*<br>Valur nominali, qlib bir-rata tas-suq tal-kambji esteri | Mandatarju |
| 3. | 3. | **Talbiet fuq residenti taż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija** | (a) *Sigurtajiet*<br>Karti tal-flus u bonds li jistgħu jkunu negozjati, kambjali, *zero bonds,* karti tal-flus tas-suq (barra ishma b'imgħax mhux fiss, partaeċipazzjonijiet u sigurtajiet oħra ta' taħt l-oġġett ta' l-assi "Assi finanzjarji oħra") | (a) *Sigurtajiet (li jistgħu jkunu negozjati)*<br>Il-prezz tas-suq u r-rata tal-kambji esteri | Mandatarju |

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ [1] | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni [2] |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | (b) *Talbiet oħra*<br>Sigurtajiet li ma jistgħux ikunu negozjati (barra ishma b'imgħax mhux fiss, partaeċipazzjonijiet u sigurtajiet oħra ta' taħt l-oġġett ta' l-assi "Assi finanzjarji oħra"), self, depożiti, *reverse repro transactions*, varji forom ta' self | (b) *Talbiet oħra*<br>Depożiti bil-valur nominali, sigurtajiet bil-prezz ta' l-ispejjeż li ma jistgħux ikunu negozjati; it-tnejn maqluba bir-rata ta' l-iskambji esteri | Mandatarju |
| 4. | 4. | **Talbiet fuq residenti taż-żona mhux ta' l-euro denominati f'munita barranija** | | | |
| 4.1 | 4.1 | **Bilanċi mal-banek, investimenti fis-sigurtajiet, u self** | (a) *Bilanċi mal-banek barra ż-żona tal-euro*<br>Kontijiet korrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għall-ieħor, *Reverse repo transactions b'konnessjoni* ma' l-immaniġġjar ta' sigurtajiet denominati fil-euro | (a) *Bilanċi mal-banek barra ż-żona ta' l-euro*<br>Il-valur nominali | Mandatarju |
| | | | (b) *Investimenti fis-sigurtajiet (barra ishma b'imgħax mhux fiss, parteċipazzjonijiet u sigurtajiet oħra taħt l-oġġett ta' l-assi "Assi finanzjarji oħra") barra ż-żona tal-euro*<br>Karti tal-flus u bonds li jistgħu jkunu negozjati, kambjali, *zero bonds*, karti tal-flus tas-suq, ilkoll maħruġa minn residenti ta' zoni mhux tal-euro | (b) *Sigurtajiet li jistgħu jkunu negozjati*<br>Il-valur tas-suq | Mandatarju |
| | | | (ċ) *Self barra ż-żona tal-euro*<br>Self lil u sigurtajiet li ma jistgħux ikunu negozajati maħruġa minn residenti taz-zona mhux tal-euro | (ċ) *Self estern*<br>Depożiti bil-valur nominali, sigurtajiet bil-prezz ta' l-ispejjeż li ma jistgħux ikunu negozjati | Mandatarju |
| | | | (d) *Sigurtajiet maħruġa minn entitajiet barra ż-żona tal-euro*<br>Sigurtajiet maħruġa minn organizzazzjonijiet sopranazzjonali jew internazzjonali, p.e. l-*EIB*, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom | (d) *Sigurtajiet maħruġa minn entitajiet barra ż-żona ta' l-euro*<br>Il-prezz tas-suq | Mandatarju |

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ [1] | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni [2] |
|---|---|---|---|---|---|
| 4.2 | 4.2 | **Talbiet li joriġinaw mill-faċilità ta' kreditu skond l-*ERM II*** | Self skond il-kondizzjonijiet ta' l-*ERM II* | Il-valur nominali | Mandatarju |
| 5. | 5. | **Self lil istituzzjonijiet tal-kreditu taż-żona tal-euro relatat ma' operazzjonijiet ta' politika monetarja denominat fl-euro** | Oġġetti 5.1 sa 5.5: transazzjonijiet skond l-istrumenti rispettivi ta' politika monetarja deskritti fid-dokument "Il-politika ta' munita komuni fiż-żona ta' l-euro: Dokumentizzazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-*Eurosystem*" | | |
| 5.1 | 5.1 | **Operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament** | Transazzjonijiet regolari bil-maqlub li jipprovdu l-likwidità bi frekwenza ta' kull ġimgħa u normalment maturità ta' ġimgħatejn | Il-valur jew (*repo*) spiża nominali | Mandatarju |
| 5.2 | 5.2 | **Operazzjonijiet ta' rifinanzjament għal perijodi itwal** | Transazzjonijiet regolari bil-maqlub li jipprovdu l-likwidità bi frekwenza ta' kull xagħar u normalment maturità ta' tliet xhur | Il-valur jew (*repo*) spiża nominali | Mandatarju |
| 5.3 | 5.3 | **Operazzjonijiet ta' titjib bil-maqlub** | Transazzjonijiet bil-maqlub, eżegwiti bħala transazzjonijiet *ad hoc* għal skopijiet ta' titjib | Il-valur jew (*repo*) spiża nominali | Mandatarju |
| 5.4 | 5.4 | **Operazzjonijiet strutturali bil-maqlub** | Transazzjonijiet bil-maqlub li jkollhom l-iskop li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali ta' l-*Eurosystem* fil-konfront tas-settur finanzjarju | Il-valur jew (*repo*) spiża nominali | Mandatarju |
| 5.5 | 5.5 | **Faċilità ta' self marġinali** | Faċilità ta' likwidità mil-lum għall-għada b'rata ta' interessi speċifikata minn qabel kontra assi eliġibbli (faċilità effettiva) | Il-valur jew (*repo*) spiża nominali | Mandatarju |

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| 5.6 | 5.6 | **Krediti relatati ma' sejħiet marġinali** | Kreditu addizzjonali għal istituzzjonijiet ta' kreditu, li joriġinaw minn żjidiet fil-valur ta' assi bażi li jirrigwardjaw kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Il-valur jew spiża nominali | Mandatarju |
| 6. | 6. | **Talbiet oħra dwar istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro denominati fl-euro** | Kontijiet korrenti, depożiti għal terminu fiss, flus minn jum għall-ieħor, *reverse repo transactions b'konnessjoni* ma' l-immaniġġjar ta' portafolli ta' sigurtajiet taħt l-oġġett ta' l-assi "Sigurtajiet ta' residenti taż-żona ta' l-euro denominati fl-euro" (inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-transformazzjoni ta' riservi ta' qabel ta' munita barranija taż-żona ta' l-euro) u talbiet oħra.<br><br>Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-euro mhux domestiċi. Talbiet u operazzjonijiet oħra li ma jkunux relatati ma' operazzjonijiet ta' politika monetarja ta' l-*Eurosystem*. Kwalunkwe talba li toriġina minn operazzjonijiet ta' politika monetarjan mibdija mill-BĊN qabel s-sħubija ma' l-*Eurosystem*. | Il-valur jew spiża nominali | Mandatarju |
| 7. | 7. | **Sigurtajiet ta' residenti taż-żona ta' l-euro denominati fl-euro** | Sigurtajiet li jistgħu jkunu negozzjati (relatati ma' jew eliġibbli sabiex ikunu wżati għal skopijiet ta' politika monetarja, barra ishma b'imgħax li jvarja, parteċipazzjonijiet u sigurtajiet oħra taħt l-oġġett ta' l-assi "Assi finanzjarji oħra"): karti tal-flus u bonds, kambjali, *zero bonds*, karti tal-flus tas-suq miżmuma mingħajr ebda riżerva (inklużi sigurtajiet tal-gvern li joriġinaw minn quddiem l-*EMU*) denominati fl-euro; 1tifikati ta' debiti tal-BĊE mixtrija għal skopijiet ta' titjib | Il-prezz tas-suq | Mandatarju |
| 8. | 8. | **Id-debitu ġenerali tal-gvern denominat fl-euro** | Talbiet fuq il-gvern li joriġinaw minn quddiem l-*EMU* (sigurtajiet li ma jistgħux ikunu negozjati, self) | Depożiti/self bil-valur nominali, sigurtajiet bil-prezz ta' l-ispiża li ma jistgħux ikunu negozjati | Mandatarju |
| – | 9. | **Talbiet fis-sistema ta' l-euro+** | | | |
| – | 9.1 | **Interess parteċipattiv fil-BĊE+** | Oġġett tal-karta tal-bilanċ ta' BĊN biss Is-sehem kapitali tal-BĊE ta' kull BĊN skond it-Trattat u l-*capital key* u l-kontribuzzjonijiet kapitali skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut | L-ispejjeż | Mandatarju |

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ ([1]) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni ([2]) |
|---|---|---|---|---|---|
| – | 9.2 | **Talbiet ekwivalenti għat-trasferiment ta' risevi barranin**+ | Oġġett tal-karta tal-bilanċ ta' BĊN biss Talbiet denominati bil-euro fuq il-BĊE fir-rigward ta' trasferimenti inizjali (u addizzjonali) ta' riservi barranin skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat | Il-valur nominali (li minnu titnaqqas ir-rinunzja) | Mandatarju |
| – | 9.3 | **Talbiet relatati ma' noti promettenti li jappoġġjaw il-ħruġ ta' ċertifikati ta' debiti tal-BĊE**+ | Oġġett tal-karta tal-bilanċ ta' BĊN biss Noti promettenti maħruġa minn BĊN, minħabba il-ftehim *back-to-back* b'konnssjoni ma' ċertifikati ta' debiti tal-BĊE | Il-valur nominali | Mandatarju |
| – | 9.4 | **Talbiet netti relatati ma' l-allokazzjoni ta' karti tal-flus ta' l-euro fl-*Eurosystem*+ (*)** | Għall-BĊN: talba netta relatata ma' l-applikazzjoni tal-*banknote allocation key* (jiġifieri iknlużi l-bilanċi ta' l-*intra-Eurosystem* tal-BĊE relatati mal-kwestjoni tal-karti tal-flus), l-ammont ta' kumpens u l-entrata tal-bilanċ taż-żamma tal-kotba kif definita bid-Deċiżjoni BĊE /2001/16 dwar l-allokazzjoni ta' dħul monetarju tal-BĊN ta' l-Istati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002. Għall BĊE: talba relatata mal-ħruġ mill-BĊE ta' karta tal-flus skond id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 tas-6 ta' Diċembru 2001 ([3]) dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus ta' l-euro | Il-valur nominali | Mandatarju |
| – | 9.5 | **Talbiet oħra fil-*Eurosystem*(-net)**+ | (a) Talbiet netti li joriġinaw minn bilanċi ta' kontijiet TARGET u kontijiet korrispondenti ta' BĊN, jiġifieri l-figura netta ta' talbiet u piżijiet (ara wkoll l-oġġett ta' piż "Piżijiet oħra fil-*Eurosystem* (nett)" | (a) Il-valur nominali | Mandatarju |
| | | | (b) Talba minħabba d-differenza bejn id-dħul monetarju li għandu jkun ippuljat u distribwit mill-ġdid. Huwa rilevanti biss għall-perjodu bejn l-ibbukjar tad-dħul monetarju bħala parti mill-proċeduri ta' tmiem is-sena, u l-issetiljar tagħha fl-aħħar ġurnata tax-xogħol f'Jannar kull sena | (b) Il-valur nominali | Mandatarju |

| Oġġett tal-karta tal-bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut ta' l-oġġetti tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju tal-valutazzjoni | L-iskop ta' l-applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | (ċ) Intra-Eurosystem claims oħra li jistgħu jqumu, inkluż id-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus ta' l-euro lil BĊN (*) | (ċ) Il-valur nominali | Mandatarju |
| 9. | 10. | **Oġġetti li qiegħdin fil-fażi tal-ħlas** | Bilanċi ta' kontijiet ta' -issetiljar (tal-biet), inkluż il-*float* ta' ċekkijiet li jinġabru | Il-valur nominali | Mandatarju |
